

Brussell, 10 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6925/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0048(NLE)

UK 24
CYBER 63

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 91 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 91 final.

Mehmuż: COM(2025) 91 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.3.2025
COM(2025) 91 final

2025/0048 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat
Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-
Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-
Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li temenda l-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor¹, li jiffurma parti integrali mill-Ftehim dwar il-ħruġ.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Qafas ta' Windsor

Il-Ftehim dwar il-ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom. Il-Ftehim dwar il-ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Fis-27 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit laħqu ftehim politiku fil-prinċipju dwar il-Qafas ta' Windsor. Fl-24 ta' Marzu 2023, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ adotta l-arranġamenti l-ġodda relatati mal-Qafas ta' Windsor u ż-żewġ Partijiet qablu li jaħdmu flimkien b'mod intensiv u leali biex jimplimentaw l-elementi kollha tal-Qafas ta' Windsor.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ jinkludi rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. L-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-ħruġ jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena jew fuq talba tal-Unjoni jew inkella tar-Renju Unit, u jistabbilixxi l-iskeda tal-laqgħat u l-aġenda tiegħu permezz ta' kunsens reċiproku.

Il-kompiti tal-Kumitat Konġunt huma stipulati fl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, u prinċipalment huma:

- is-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim direttament jew permezz tal-ħidma tal-kumitati speċjalizzati li jirraportaw lilu;
- l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, inklużi emendi tal-Ftehim fil-każijiet previsti fih;
- il-prevenzjoni ta' problemi u s-soluzzjoni ta' tilwim li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Fil-laqgħa tiegħu li jmiss, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor ("l-att previst"), skont l-Artikolu 13(4) tiegħu.

¹ Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 [ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](#).

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. F'konformità mar-Regola 9 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt u tal-Kumitati Speċjalizzati, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt se jispeċifikaw id-data li fiha jidħlu fis-seħħ.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Anness 2 (“Dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(4)”) tal-Qafas ta' Windsor

L-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor fih id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(4) tiegħu.

Fit-23 ta' Ottubru 2024, l-Unjoni adottat Regolament dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali (ir-Regolament (UE) 2024/2847²).

Ir-Regolament (UE) 2024/2847 jistabbilixxi r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali. Għandu kamp ta' applikazzjoni wiesa'; eżempji jinkludu mikroċipep tal-kompjuter, sistemi operattivi, applikazzjonijiet għall-apparti mobbli, kif ukoll makkinarju u ġugarelli konnessi. Ladarba jkun applikabbli, il-manifatturi ta' tali prodotti se jkollhom jiżguraw livell xieraq ta' ċibersigurtà bbażat fuq riskji relatati.

Dan l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat, ħliet għall-Artikoli 5 u 67, huwa relatat mas-suq intern għall-oġġetti u għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor. Għalhekk, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 u 67, għandu jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor, taħt il-punt 47 “Oħrajn”.

L-Artikoli 66 u 68 tar-Regolament diġà huma applikabbli għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq skont l-Artikolu 13(3) tal-Qafas ta' Windsor peress li dawn id-dispożizzjonijiet jemendaw il-leġiżlazzjoni eżistenti elenkata fl-Anness 2 tal-Qafas.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Barra minn hekk, il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”³.

² Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika), ĠU L, 2024/2847, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj>.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, [ECLI:EU:C:2014:2258](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:2014:2258), il-paragrafi 61 sa 64.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-att previst ma jissupplementax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-uniku oġettiv u kontenut tal-att previst huwa li jiżdied att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

Il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Għaldaqstant, u f'konformità mal-prinċipju bażiku li att jista' jiġi emendat biss b'att tal-istess tip, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50(2) TUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 50(2) TUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135⁴ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor⁵, li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tiegħu ("il-Kumitat Konġunt") għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor billi jżid atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor, iżda li la jemendaw u lanqas jissostitwixxu l-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi tal-Qafas ta' Windsor.
- (3) L-Artikoli 66 u 68 tar-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ huma applikabbli skont l-Artikolu 13(3) tal-Qafas ta' Windsor. Il-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament huma dispożizzjonijiet ta' att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor li jenħtieġ li jżiddied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor. Dan ma japplikax għall-Artikoli 5 u 67 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Il-Kumitat Konġunt, fil-laqgħa tiegħu li jmiss, jenħtieġ li jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor li żżid l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 u 67 tiegħu, mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1–6, <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/135/oj>.

⁵ Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 [ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj).

⁶ ĠU L, 2024/2847, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj>.

- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Kumitat Konġunt”) għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President